6 ta' Novembru, 1954

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo D'Anastasi

**Social Service — "Relief" — Dikjarazzjonijiet Foloz — Truffa — Frode — Kompetenza — Art. 6 tal-Att XXVII tal-1952 — Art. 322 u 323 tal-Kodiċi Kriminali**

*L-Att nru. XXVII ta' l-1952, dwar is-Social Service, espressament jistabbilixxi illi min jagħmel dikjarazzjonijiet foloz lis-Social Welfare Officer biex jottjeni "Social Service Allowance" ogħla minn dik li tmissu, jirrendi ruħu ħati tar-reat ta' frode kontemplat fl-art. 322 tal-Kodiċi Kriminali, u mhux tar-reat kontemplat mill-art. 323 ta' dak il-Kodiċi; u għalhekk min jagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet foloz huwa ħati tar-reat ta' truffa, u mhux ta' frode semplici, avvolja huwa ma jkunx adopera mezzi biex jaħbi jew jakkredita l-inganu u jindaċi l-vittima fih.*

*U billi dak ir-reat huwa ta' kompetenza superjuri, meta akkuża simili tinġieb quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, din ma tistax tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex jieħu konjizzjoni tar-reat bħala tali, imma għandha tieħu konjizzjoni tiegħu bħala Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali.*

Il-Qorti:— Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula mill-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja, talli r-Rabat, f'dawn l-aħħar tnax-il-xahar, b'attijiet tal-istess riżoluzzjoni, għamel dikjarazzjonijiet foloz lis-Social Welfare Officer, naqas li jirrapporta, qabel ma rċieva flus mis-Social Service, kull tibdil ta' ċirkustanzi li jġib jew jista' jġib tibdil fl-ammont tas-Social Service Allowance li kienet ingħatatlu, u barra minn dan għamel qliegħ ta' £7. 12s. bi pretensjonijiet foloz kontra r-regolamenti għad-dannu tal-Gvern Ċivili;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Awissu 1954, li biha kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għax irriteniet li ż-żewġ reati kienu ta' kompetenza inferjuri;

Rat is-sentenza l-oħra tagħha bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-12 ta' Awissu, 1954, li biha lliberat l-imputat

taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 23 tal-Liġijiet Kriminali, u lliberatu minn kull imputazzjoni oħra, u ordnat li kollox jinbgħat lill-Attorney General fiż-żmien li trid il-liġi;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella minn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet, talab ir-revoka tagħhom, u talab li din il-Qorti tirrimetti l-proċess lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja;

Semgħet l-argumenti:

Ikkunsidrat;

Bħala fatt, il-Qorti t'Isfel irriteniet pruvat li l-imputat għamel dikjarazzjonijiet foloz bla ġurament, ċjoe' ma rrapportax meta beda jaħdem u rrapporta data ħażina ta' meta filfatt beda x-xogħol; irriteniet ukoll pruvat li l-imputat għamel, in segwitu ta' din il-falsità, qliegħ indebitu bi ħsara tal-Gvern Ċivili. Hu paċifiku li dan l-għemil kien jirrigwarda s-Social Service Allowance;

Il-Qorti t'Isfel, apparti l-applikazzjoni tal-art. 5 tal-Att XXVII tal-1952, applikat l-art. 323 tal-Kodiċi Kriminali, u kien għalhekk li minn Qorti Istruttorja ttrasmutat ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bl-ewwel sentenza, u ppronunzjat ruħha fil-meritu bit-tieni sentenza;

Issa, hu ċar li hawn kien hemm żball tal-liġi. Skond l-art. 6 tal-Att ċitat ġie statwit li għemil bħal dak li l-istess Qorti t'Isfel, bħala fatt, aċċettat li kien pruvat, jammonta għal reat taħt l-art. 322 Kod. Kriminali. Bl-art. 6 l-liġi elevat għal reat ta' truffa, jew "excroquerie", għemil bħal dak fuq imsemmi, ċjoe' reat taħt l-art. 322, u mhux taħt l-art. 323 Kap. 12. F'każijiet normali, għall-finijiet tal-applikabilità tal-art. 322, wieħed għandu jfittex partikolarment l-element li l-ġuristi franċiżi jiddeskrivew bil-kliem skulturju "mise-en-scene", vwoldiri apparat biex jaħbi jew jakkredita l-ingann u jinduċi l-vittima fih. Iżda fil-każ ta' għemil bħal dak fuq indikat, b'dispożizzjoni "ad hoc", il-liġi kkwalifikatu senz'altru bħala reat taħt l-art. 322 Kap. 12. Malli hemm għemil simili, hemm "mezzi kontra l-liġi" ("unlawful practice") għall-finijiet talart. 322. Kwindi l-Maġistrat, ġa ladarba sab pruvat dak l-għemil, ma setax jittrasanda d-dispożizzjoni tal-art. 6 tal-Att fuq imsemmi, iżda kien fid-dmir li jagħtiha applikazzjoni; u

r-reat taħt l-art. 322 ma hux ta' kompetenza inferjuri; u konsegwentemnt ma kienx hemm lok li l-Qorti t'Isfel tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali minn Qorti Istruttorja;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti, wara li rat l-art. 425 (1) (h) (ii), wara li kkonstatat l-ipotesi skorretta tal-liġi kontenuta fis-sentenza appellata, u wara li rat l-art. 440 (1) tal-Kap. 12, tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, tannulla s-sentenzi fuq imsemmijin, u tibgħat l-attijiet lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti Istruttorja.